



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 29.3.2012  
COM(2012) 146 final

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**għan-nomina tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2016 fi Spanja u l-Polonja**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Id-Deċiżjoni 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019<sup>1</sup>, tistipula l-proċedura tan-nomina tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura. Skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, mill-2009 'l quddiem, żewġ ibliet ta' żewġ Stati Membri se jinħatru bħala l-Kapitali Ewropej tal-Kultura, skont min imissu, fl-ordni kronoloġika stipulata fl-Anness tad-Deċiżjoni. Spanja u l-Polonja huma intitolati li jospitaw l-avveniment fl-2016.

In-nomina għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura li tikkonċerna l-2016 u s-snin ta' wara hi sottomessa għall-proċess li ġej.

Sejħa biex jitressqu l-applikazzjonijiet se tiġi ppubblikata minn kull Stat Membru kkonċernat sa mhux aktar tard minn sitt snin qabel l-avveniment. Bord tal-għażla magħmul minn 13-il espert indipendenti fis-settur kulturali se jkollu laqgħa qabel l-għażla u sa mhux aktar tard minn ħames snin qabel l-avveniment. Dan jivvaluta l-applikazzjonijiet li tressqu skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1622/2006/KE u jaqbel dwar lista qasira ta' bliet kandidati li għandhom jibqgħu jiġu kkunsidrati wara li titlesta l-applikazzjoni tagħhom.

Kull Stat Membru kkonċernat ilaqqqa' l-bord għall-għażla finali, disa' xhur wara l-laqqgħa ta' qabel l-għażla. Wara valutazzjoni estensiva tal-bliet magħżula minn qabel skont il-kriterji stabbiliti għall-azzjoni, il-bord jirrakkomanda belt waħda għat-titolu f'kull Stat Membru kkonċernat.

Skont dawn ir-rakkomandazzjonijiet, iż-żewġ Stati Membri jinnominaw belt kull wieħed biex tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura u jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni sa mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma jibda l-avveniment inkwistjoni.

Il-Parlament Ewropew jista' jressaq opinjoni lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jaslu n-nominazzjonijiet.

Il-Kunsill, huwa u jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jaħtar uffiċjalment il-bliet inkwistjoni għas-sena li għaliha ġew innominati.

Wara li ntemmu ż-żewġ fażijiet tal-kompetizzjoni deskritti hawn fuq, il-bord irrakkomanda li Donostia-San Sebastián (Spanja) u Wrocław (il-Polonja) jospitaw l-avveniment fl-2016 fir-rapporti datati Ġunju 2011. Iż-żewġ Stati Membri nnotifikaw dawn in-nominazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni sal-ħarifa tal-2011.

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni favorevoli tiegħu lill-Kummissjoni lejn l-aħħar ta' Diċembru 2011.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 9.3 tad-Deċiżjoni 1622/2006/KE qed tressaq lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni mehmuża għan-nomina uffiċjali ta' Donostia-

---

<sup>1</sup> ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.

San Sebastián u ta' Wrocław rispettivament għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2016.

Rakkomandazzjoni għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### **għan-nomina tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2016 fi Spanja u l-Polonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019<sup>2</sup>, partikolarment l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' --- 2012,

Wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bord tal-Għażla ta' Ġunju 2011 dwar il-proċess tal-għażla tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura fi Spanja u l-Polonja rispettivament,

Billi:

Filwaqt li kkunsidra li l-kriterji msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1622/2006/KE ntlaħqu kollha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Donostia-San Sebastián u Wrocław jinħatru bħala "Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2016" fi Spanja u l-Polonja.

---

<sup>2</sup> ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Kunsill  
Il-President*